**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 02 ta' Mejju, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 927/2015 AF**

**Montebello Enterprises Limited (C-12199)**

**vs**

**Francois Cumbo**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors mahluf ta' Montebello Enterprises Limited, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Il-kontendenti kkonkludew u ffirmaw zewg kuntratti li permezz taghhom is-socjetà rikorrenti ghaddiet b'*hire-purchase* lill-intimat, bis-sahha ta' ftehim minnhom Isuzu Elf Van numru ta' registrazzjoni ABX-041, u bis-sahha tal-ftehim l-iehor u bl-istess titolu, il-vettura Qashqai numru ta' registrazzjoni LCS 058.

L-intimat ma hallasx il-pagamenti minnu dovuti lir-rikorrenti dwar kull ftehim, u fadal is-somma komplessiva ta' €15,636.16c x'tithallas mill-intimat lir-rikorrenti dwar dawn iz-

zewg vetturi.

Dawn iz-zewg vetturi huma wkoll proprjetà tar-rikorrenti u hekk baqghu sal-lum.

Ghalhekk kellna ssir din il-kawza stante li l-intimat, minkejja li nterpellat, xorta baqa' inadempjenti u ma effettwa ebda hlas, u lanqas irritorna l-pussess tal-vetturi msemmija lis-socjetà rikorrenti.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara illi l-intimat hu debitur tas-socjetà rikorrenti fis-somma bilancjali ta' €15,636.16c (hmistax-il elf sitt mija u sitta u tletin Ewro u sittax-il centezmu ta' Ewro).

2. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lis-socjetà rikorrenti s-somma ta' €15,636.16c (hmistax-il elf sitt mija u sitta u tletin Ewro u sittax-il centezmu ta' Ewro).

3. Tiddikjara li l-vettura Isuzu Elf Van numru ta' registrazzjoni ABX 041 u l-vettura Qashqai numru ta' registrazzjoni LCS 058 huma proprjetà tas-socjetà rikorrenti, u tikkundanna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa din l-Onorabbli Qorti, jirritorna l-pussess ta' dawn iz-zewg vetturi lis-socjetà rikorrenti.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-intimat, minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut, minkejja li debitament notifikat, ma ppreżentax risposta għat-talbiet miġjuba kontrih.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, is-soċjetà attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tagħha fl-ammont ta' €15,636.16 peress illi hija tikkontendi li l-konvenut naqas milli jħallas dan l-ammont dovut lilha fuq żewġ kuntratti ta' *hire-purchase* ta' żewġ vetturi. Għaldaqstant, qiegħed jiġi mitlub li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi dan l-ammont, kif ukoll illi tiddikjara li l-vetturi Isuzu Elf bin-numru ta' reġistrazzjoni ABX 041 u l-vettura Nissan Qashqai bin-numru ta' reġistrazzjoni LCS 058 huma proprjetà tagħha u konsegwentament tikkundanna lill-konvenut jirritorna l-pussess tagħhom.

Jirriżulta li l-konvenut, minkejja li debitament notifikat bl-atti tal-kawża, ma ppreżenta l-ebda risposta għat-talbiet attriċi. Madanakollu, huwa ppreżenta nota ta' sottomissjonijiet finali. Huwa stabbilit illi l-kontumaċja ma tfissirx u ma tistax tiġi ekwiparata ma ammissjoni. Infatti kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet Blye Engineering Co. Ltd vs Philip Borg Bellanti et deċiża fit-22 ta' Gunju, 2005, mill-Qorti tal-Appell Inferjuri:

> *"... huwa wkoll prinċipju ben stabbilit illi għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi dan ma kellux jinftiehem bħala li hu abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħti fil-kawża u ammetta d-domanda. Sta għall-ġudikant li jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata, indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35."*

Din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Avukat Dottor Tonio Fenech noe vs Interdrive Limited et tat-30 ta' Novembru 2015 qalet hekk:

> *"L-istitut tal-kontumacja huwa mibni fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghall-pretensjonijiet u ghat-talbiet tal-attur, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala att li jisthoqqlu piena u cioè dik li ma jkunx jista' jressaq provi (ara : App. Kumm. - 21.5.1993 – "**Vella pro et noe vs Vella**" (**Kollez. Vol. LXXVII.ii.170**). Min-naha l-ohra, minhabba l-effett irriversibbli li l-kontumacja ggib maghha, il-Qrati taghna hadu l-linja illi r-rigorosità tal-procedura ghandha tigi applikata u mfissra b'mod restrittiv*

*fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista' jammonta ghal htija, m'ghandu jkun hemm l-ebda diffikultà li l-kontumacja titqies gustifikata (ara : P.A. - 4.7.1991 – "**Vella pro et noe vs Ellul**" (**Kollez. Vol. LXXV.iii.729**).*

*Dan premess, inghad ghal diversi drabi mill-qrati taghna illi l-kontumacja m'ghandhiex titqies bhala ammissjoni da parti ta' konvenut tat-talbiet tal-attur. (ara : **Kollez. Vol. XXIX.iii.35**). Ghall-kuntrarju, il-kontumacja dejjem tqieset bhala kontestazzjoni u hekk baqghet meqjusa anke wara l-emendi ghal-ligi tal-procedura li dahlu bl-Att XXIV tal-1995. Ghalhekk jispetta dejjem ghall-gudikant illi jezamina jekk it-talba hijiex gustifikata u dan indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut."*

Mill-atti tal-kawża jirriżulta li minkejja li l-avukat difensur tal-konvenut deher quddiem din il-Qorti fl-udjenza tat-12 ta' Jannar 2016 fejn informa lill-Qorti li huwa kien beħsiebu jressaq rikors sabiex jiġġustifika l-kontumaċja, dan ir-rikors qatt ma ġie ppreżentat. Imbagħad, wara li l-partijiet għamlu żmien jesploraw il-possibiltà ta' transazzjoni, din il-kawża ġiet diferita għas-sentenza fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru 2016, b'dan illi l-partijiet ingħataw il-fakoltà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet finali kif filfatt għamlu.

Is-soċjetà attriċi ma ppreżentat l-ebda provi in sostenn tal-pretensjonijiet tagħha. Lanqas biss ipprezentat kopja tal-kuntratti li tghid li kkonkludiet. Madanakollu, hija tikkontendi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha li din il-Qorti għandha tilqa' t-talbiet tagħha abbażi ta' dak provdut fir-rikors ġuramentat tagħha, bl-argument illi l-premessi għat-talbiet attriċi huma maħlufa u li għalhekk, ma kienx meħtieġ minnha li tressaq provi sabiex il-Qorti tkun f'posizzjoni li tilqa' t-talbiet tagħha.

Din il-Qorti assolutament ma taqbilx ma dak argumentat mis-soċjetà attriċi. Huwa prinċipju stabbilit li min jallega jrid jipprova u dan indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut, għaliex il-kontumaċja mhijiex ammissjoni.

Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Gaetana Mamo vs Therese Mercieca et tas-26 ta' Ottubru 2005, il-Qorti qalet hekk:

> *"In bazi ghad-dritt probatorju, kull parti ghandha f' kaz bhal dan id-dmir li taghti prova ta' l-ezistenza tal-fatt allegat, favorevoli ghat-tezi taghha. L-oneru hu distribwit b'mod li l-attrici trid tipprova l-fatti kostituttivi tad-dritt azzjonat minnha ("actori incumbit probatio") mentri l-konvenuti huma tenuti jipprovaw il-fatt minnhom allegat kostitwenti l-kontroprova offerta biex tikkuntrasta il-pretiza ta' l-attrici ("reus in excipiendo fit actor"). Ara Kollez. Vol. XLVI P I p 5. Naturalment, il-piz probatorju tal-konvenuti jinsorgi konkretament fil-kaz biss li l-attrici tkun ressqet prova tal-fatti posti bhala bazi tad-domanda taghha. Dan ghaliex in-nuqqas jew insufficjenza tal-prova tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenuti biex tikkonfuta l-pretensjoni ta' l-attrici ma jiddispensax lil din mill-oneru li tiddemostra adegwatament il-legittimità u l-fondatezza tal-meritu tat-talba taghha."*

Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Kenneth Cassar vs Samy El Saghtir tat-23 ta' Novembru 2005:

> *"Huwa indubitat illi min irid jivvalora dritt li jippretendi li ghandu jehtieglu jipprova l-fatti li jikkostitwixxu l-fondament ta' dak l-istess dritt. Dan fis-sens illi jinkombi bi dmir fuq il-parti li tallega fatt favorevoli ghaliha li taghti prova ta' l-ezistenza tal-fatt. Skond id-dritt probatorju, il-karattru favorevoli tal-fatti allegati huwa kriterju ta' distribuzzjoni ta' l-oneru tal-provi. Dan kemm jekk il-fatti jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat ("actori incumbit probatio") u sija jekk il-fatti jingiebu a bazi ta' l-eccezzjoni tal-konvenut biex jikkontrastaw l-pretiza ta' l-attur ("reus in excipiendo fit actor"). Huma dawn ir-regoli legali ta' gudizzju li jikkonsentu lill-gudikant japproda ghal decizjoni fil-meritu."*

Hekk ukoll fis-sentenza tagħha fl-ismijiet F Advertising Limited vs Simon Attard tal-21 ta' Mejju 2010, il-Qorti tal-Appell Inferjuri qalet hekk:

> *"Kif imtenni bosta drabi minn din il-Qorti, id-disponibilità tal-provi hi dejjem imhollija fl-inizzjattiva tal-parti. Dan, multo magis, imbaghad in vista tal-principju generali li l-oneru tal-prova jaggrava dejjem fuq il-parti li tallega l-fatti migjuba biex issostni d-domanda. Jekk dan ma jsirx, u fid-djalettika processwali l-parti tonqos li ggib il-prova okkorrenti, dik l-istess parti ma tistax tlum lit-Tribunal milli jiddeciedi iuxta alligata et probata ghax dan hu wkoll principju konsagrat fid-duttrina procedurali u, in kwantu tali, jintitola lill-gudikant li jestraji d-decizjoni tieghu unikament mill-allegazzjonijiet provati, u mhux ukoll minn dak li messu ngieb ghab-bazi tad-domanda u baqa' ma giex offert bi prova konvincenti."*

L-istess Qorti, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Joseph Attard vs Joseph Xerri tat-12 ta' Lulju 2007 qalet illi:

> *"Tajjeb li jigi mfakkar illi l-kwalifikazzjoni tad-deduzzjoni probatorja bhala oggett ta' "oneru" iggib maghha bhala konsegwenza illi l-inadempiment jew il-falliment taghha titraduci ruhha fi zvantagg ghal min hu hekk gravat b' dan il-piz. Dan ghal raguni illi l-fatt favorevoli minnu allegat jithalla fi stat ta' incertezza u tali qaghda tissarraf f' dannu ghalih."*

Finalment, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet Joseph Vella vs Pierre Cremona deċiża fl-10 ta' Ottubru 2003. Din is-sentenza kienet tirrigwarda appell tal-attur minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li kienet ċaħdet it-talbiet tiegħu minkejja li l-konvenut kien kontumaċi, għaliex dehrilha li l-attur ma kienx ġab l-aħjar prova kif irid l-artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Quddiem il-Qorti tal-Appell, l-attur ukoll kien argumenta li fil-proċess kien hemm dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu li huwa għandu jieħu l-ammont indikat fiċ-ċitazzjoni mingħand il-konvenut. Il-Qorti tal-Appell ċaħdet l-appell tal-

attur bl-ispejjeż kontra tiegħu u dan wara li għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

*"Huwa pacifiku li l-konvenut appellat ghazel li jibqa' kontumaci f'kawza ta' giljottina minkejja l-fatt li huwa originarjament deher personalment biex jipprova iwiegeb, billi jikkontestaha b'nota ta' eccezzjonijiet, ghat-talbiet ta' l-attur. Giet ikkrejata sitwazzjoni fejn minn banda wahda l-konvenut deher li ried jikkontesta t-talbiet ta' l-attur izda fl-istess waqt baqa' inadempjenti. Però anke hawn jigi osservat li l-attur seta' jinduna li l-konvenut, minkejja li certament dan kien negligenti fil-komportament procedurali tieghu, ma kellu qatt verament l-intenzjoni li jaghti lill-attur "walk-over" – espressjoni adoperata mill-appellant innifsu fir-rikors ta' appell.*

*Wiehed kien jistenna – u hekk gustament dehrilha l-Ewwel Qorti – li trattandosi hawn ta' pretensjoni li hija impernjata fuq "ftehim", li l-attur jesebieh mentri ebda ftehim ma gie esebit. Kontumacja tammonta ghal kontestazzjoni u mhux ghal semplici "walk-over" kif jippretendi l-appellant. Kif qalet l-Ewwel Qorti, l-ahjar prova trid issir dejjem. Imma lanqas ma jista' jinghad li kien hemm xi sorprizi f'dan il-kaz ghaliex jidher ukoll li fil-mori tal-procedura l-konvenut appellat inqeda' mill-fakolta` ta' nota ta' osservazzjonijiet ai termini ta' l-artikolu 158 (10) tal-Kap. 12 – ara digriet ivverbalizzat fis-seduta tad- 19 ta' April 2001 (a fol. 33 u 34 tal-process) – u permezz taghha pprezenta risposta elaborata in kontestazzjoni ta' dak li halef u ddikjara l-attur. L-attur, min-naha tieghu, kien gie moghti l-opportunita` illi jwiegeb fi zmien xahar minn dakinhar però ghazel li ma jipprevalixxix ruhu mid-dritt ta' replika u minflok halla l-process miexi ghas-sentenza billi deherlu li bix-xhieda tieghu huwa kien fornixxa provi bizzejjed u li kien ukoll ressaq l-ahjar prova. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-Qorti ta' l-ewwel grad kienet gustifikata li tigbed u tasal ghall-konkluzjoni li l-attur appellant ma ressaqx provi sufficjenti in sostenn tat-talbiet tieghu. Il-kontumacja ma tehlisx lill-attur milli jissodisfa r-rekwizit tal-ligi li jressaq provi sal-grad almenu ta' probabbilità u li jressaq l-ahjar prova. Mill-ftit li rnexxielu "jaghmel" il-konvenut, l-attur*

*kien messu rrealizza li l-provi tieghu in kwantu bazati biss fuq dikjarazzjoni unika tieghu kienu insufficjenti. Il-Qorti ta' l-ewwel grad, in ezercizzju tad-diskrezzjoni fdata lilha, dehrilha li l-attur seta' facilment jipprezenta provi ahjar però huwa ghazel li ma jaghmilx dan u ghalhekk dehrilha li ma kienx gust li tilqa' t-talbiet tieghu ghaliex b'hekk hija "tkun qeghda thalli lill-attur jiehu vantagg mhux xieraq mill-kontumacja tal-konvenut jekk toqghod fuq il-kelma ta' l-attur biss". F'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti ma thossx li ghandha tissostitwixxi d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti b'dik taghha billi tiddisturbaha bl-iskop li tirrevokaha jew tibdilha. Ma hemm ebda gustifikazzjoni biex dan isir."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża li għandha quddiemha llum, din il-Qorti ssib illi m'huwiex il-lok li jintlaqgħu t-talbiet attriċi għas-sempliċi raġuni li l-ebda waħda mill-premessi li jippreċeduhom u li fuqhom huma bbażati ma jirriżulta li ġew ipprovati. Ċertament illi f'dan il-każ is-soċjetà attriċi ma ressqitx l-aħjar prova u jsegwi għalhekk illi ma tistax tirnexxi fit-talbiet tagħha.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet tas-soċjetà attriċi bl-ispejjeż kontra tagħha.

IMHALLEF

DEP/REG